IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa
## tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 62

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **it-Tlieta 18 ta' Lulju 2023**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**62.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

62.1.1 Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel talab biex ikun skużat minħabba impenji relatati max-xogħol tiegħu u qal li ser jattendi aktar tard. Apoloġija approvata.

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa 61.**

62.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 61 għall-approvazzjoni.

61.2.2 B'referenza għal punt 58.3.17, is-Sindku qal li hemm bżonn li jitkejjel it-tapit/turf li firex sid ir-ristorant BeBirgu peress li waslu ilmenti li ż-żona tal-imwejjed u s-siġġijiet hija oltre dik stipulata bil-permess.

61.2.3 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**62.3 Korrispondenza**

62.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Stephanie Bonnici dwar proġett tal-Unjoni Ewropea fejn infurmat lill-kunsill li f'dan il-proġett partikolari li urejna interess għalih ma nistgħux inkunu parti minnu.

62.3.2 Preżentati kwotazzjonijiet għax-xiri ta' electric driller sabiex jintuża għat-tħaffir tat-toqob għat-tabelli fost oħrajn. Il-kunsilliera preżenti qablu li tintgħażel l-irħas offerta.

62.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali għax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar ix-xogħol li hemm pjanat għal Triq Wenzu Dyer u Triq l-Antika.

62.3.4 Preżentata l-applikazzjoni **SPI/SCI/O4/2023 Skema Finanzjarja Komunitajiet aktar siguri u organizzati** fejn permezz ta' din l-applikazzjoni, il-kunsill se japplika għall-installazzjoni ta' numru ta' bollards u CCTVs madwar il-Birgu għal aktar sigurtà fit-toroq u trażżin ta' skart illegali f'żoni partikolari. Il-Kunsill Lokali huwa mitlub li joħroġ 15% mal-ispiża totali ta' din l-applikazzjoni. Il-kunsilliera preżenti approvaw din l-applikazzjoni.

62.3.5 Preżentata l-applikazzjoni **SPI/SCI/5/2023 Fond ta' Manutenzjoni u Sosten ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali** fejn permezz ta' din l-applikazzjoni, il-kunsill se japplika biex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-Foss tal-Birgu fejn hu tant meħtieġ. Il-Kunsill Lokali huwa mitlub li joħroġ 15% mal-ispiża totali ta' din l-applikazzjoni. Il-kunsilliera preżenti approvaw din l-applikazzjoni.

62.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Daniel Orsini dwar in-nuqqas tiegħu sabiex jagħti l-kontribuzzjoni sabiex tinżamm miftuħa l-latrina tal-Fortini nhar ta' Ħadd.

62.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Onor. Ministru Silvio Schembri fejn qed jinforma lill-Kap Eżekuttiv dwar l-ittra mibgħuta mis-Sindku dwar l-istat li jinsab fih il-pont antik bejn il-Birgu u Sant'Anġlu.

62.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Victoria Butters dwar proġett li l-Vittoriosa Historical Society tixtieq tagħmel mat-tfal tal-Birgu. Is-Sindku ta' spejga tal-proġett u l-kunsilliera qablu unanimament.

62.3.9 Preżentat l-invit għall-attività 'Kewkba-Lejla Lokali' organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-okkażjoni tat-30 sena tal-kunsilli lokali.

62.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sinjura Marcon Gusman fi ħdan Transport Malta rigward l-applikazzjoni u t-talba mressqa mill-propjetarju tal-ħanut 'Il-Ġirbi' sabiex jestendi l-platform ta' quddiem il-ħanut tiegħu. Il-kunsill lokali kien diġà qabel li din l-estensjoni ma tingħatax u għaldaqstant il-minuti ntbagħtu lil Transport Malta bid-deċiżjoni tal-kunsill bħala referenza.

62.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Carmel Cachia dwar il-Memorandum of Understanding bejn il-kunsilli tal-Kottonera u l-Kalkara ma eskills Malta, liema memorandum se jkun qed jiġi ffirmat fl-aħħar ġimgħat ta' Settembru 2023.

62.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Massa bħala ringrazzjament talli l-kunsill lokali aċċetta li jsir ġemellaġġ ma' Yantai, fiċ-Ċina.

62.3.13 Preżentata artwork design minn Ambjent Malta dwar id-daħla tal-Birgu fejn kienet qabel bit-turf. Il-kunsilliera qablu li dan id-design għandu jkun rivedut.

62.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur David Mallia dwar l-iscooters tal-bolt u l-parkeġġi riservati għalihom.
62.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jenson Elsworth sabiex jippublika l-poster tal-proġett Rakkonti tal-Belt Rebbieħa fuq il-medja soċjali tal-kunsill. Il-kunsilliera qablu li jkun aħjar jekk dan ma jkunx pubblikat il-poster fuq il-paġna tal-kunsill.

62.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Antoinette Conti minn Transport Malta dwar it-triq il-ġdida li ser tinbena biex twassal għal Smart City.

62.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-President tar-Reġjun is-Sur Pawlu Farrugia dwar il-ġbir ta' skart fil-Birgu u x-Xgħajra wara laqgħa li saret mal-kuntrattur u s-Sindki taż-żewġ lokalitajiet imsemmija.

62.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Kalkara għal-logħob tan-nar tal-ajru minn fejn kien l-*oil depot* fi Triq il-Piccolo Soccorso fil-Festa ta' San Ġużepp tal-Kalkara. F'din l-ittra, is-Sindku qed jagħmilha ċara li kull talba għan-*No Objection* li ser tintbagħat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu mis-sena 2024 'il quddiem, se tiġi injorata u mhux ser jingħata l-ebda permess. Il-kunsilliera qablu unanimament ma din id-deċiżjoni.

62.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Joe Galea dwar il-monument ta' Ġorġ Agius.

62.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi lill-Onor. Ministru Roderick Galdes rigward is-sitwazzjoni tal-binjiet mitluqa fi Triq l-Antika. Ma' din il-korrispondenza kienet preżentata wkoll ittra li bgħat is-Sindku lill-istess Ministru fuq din is-sitwazzjoni.

62.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava b'risposta għal korrispondenza mibgħuta mis-Sindku dwar ħlas żejjed li l-kunsill lokali qed jintalab iħallas għall-ġbir tal-iskart ta' St.Angelo Mansions. Is-Sindku qal li se jkun qed jiltaqa' mal-kuntrattur u mal-persuni responsabbli mill-mansions rigward din il-problema.

62.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava b'risposta għal korrispondenza mibgħuta mis-Sindku dwar il-permessi li jinħarġu lill-gabbani li jarmaw fil-jiem tal-Festi tal-Birgu.

62.3.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ian Magro mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-polza tal-assigurazzjoni li tkopri lil Sindki u Kunsilliera. Il-kunsilliera approvaw li din issir għal sena oħra.

62.3.24 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Ivana Legname dwar il-possibilità ta' ġemellaġġ bejn il-Birgu u Licata fl-Italja fejn iż-żewġ lokalitajiet għandhom numru ta' similaritajiet. Il-kunsilliera qablu li napplikaw sabiex isir dan il-ġemellaġġ.

62.3.25 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Piotr Ciecierski li huwa l-propjetarju tal-bar tal-Kazin tal-P.N. fejn qed juri l-idea tiegħu sabiex fiż-żona fejn qabel kien l-oil tanking depot fi Triq il-Piccolo Soccorso, jsir track tal-mudelli tal-karozzi żgħar. Il-kunsilliera ddiskutew din il-proposta iżda ma qablux ma' din l-idea.

62.3.26 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Gino Cauchi dwar il-bins ta' Triq il-Piccolo Soccorso li kellhom jeħlu mid-Dipartiment tat-Tindif u rigward il-bins tal-klieb sabiex jinġabru u jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-kunsill stess.

62.3.27 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Ministru Miriam Dalli dwar id-dwal tat-triq fi Triq il-Piccolo Soccorso li għadu ma twaħħalx u għaldaqstant hemm dlam ċappa f'żona li suppost qed titgawda min-nies.

62.3.28 Preżentata korrispondenza mibgħuta lil Transport Malta dwar ir-railing fi Triq il-Ħabs l-Antik u t-taħrika li weħel il-kunsill minħabba l-bdil tar-railing fejn skont Transport Malta, dan sar mingħajr permess. Is-Sindku spjega kif hu tkellem dirett mas-CEO rigward din il-kwistjoni u talbu biex issir applikazzjoni rigward dan ir-railing.

62.3.29 Preżentat il-kont tad-dawl u ilma tal-Berġa ta' Franza li għal darb'oħra qed jiġi €0.00 grazzi għall-investiment li sar fil-panelli tax-xemx.

62.3.30 Preżentata korrispondenza rigward l-installazzjoni tal-bollards fi Triq il-Piccolo Soccorso minħabba n-nuqqas ta' rispett tal-persuni li qed jipparkjaw bl-addoċċ fit-triq imsemmija.

62.3.31 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Perita Janice Borg li qed tieħu ħsieb il-proġett ta' Triq il-Piccolo Soccorso wara li l-istess Perita ilmentat minħabba nuqqas ta' kordinazzjoni minħabba l-permess għall-ħruq tal-

logħob tan-nar miż-żona fejn kien l-oil tanking depot fejn f'din iż-żona inġabu xi planters u affarijiet oħra relatati mal-proġett.

62.3.32 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Catherine Mallia dwar attività għat-tfal kollha tal-Birgu nhar it-2 ta' Settembru 2023 l-Esplora fejn waqt l-attività se jitqassam il-kit bħala parit mic-COSI event li saret f' Lulju.

62.3.33 Preżentata Mistoqsija Parlamentari Nru10627 dwar jekk il-kunsill lokali ddiskutiex il-permessi tal-caravans/campers/motorhomes fil-kunsill. Is-Sindku qal li meta saret laqgħa mal-kunsilli lokali l-oħra dwar dawn il-permessi, għamilha ċara li fil-Birgu m'hemmx żoni għal dawn il-permessi u għalhekk mhux se jinħarġu permessi f'każ li jiġu mitluba.

62.3.34 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Stefan Azzopardi, Kap tal-iskola Primarja tal-Birgu rigward il-fence li jagħti lejn l-iskola mill-ġnien tal-Glażiż.

62.3.35 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Aġent Segretarju tar-Reġjun Port rigward il-ħin tal-ġbir tal-iskart fil-Birgu liema ħin mhux qed jiġi rispettat mill-kollettur.

62.3.36 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Daniel Orsini CEO/President tal-Vittoriosa Stars F.C. rigward il-latrina tal-Fortini u rigward diversi suġġetti oħra fosthom il-parkeġġ li qed isir fil-grawnd u l-proposta tal-Luna Park fil-grawnd ukoll.

62.3.37 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Perita Rebecca Grech dwar it-trinka li hemm il-Pjazza tal-Birgu minn Triq S Filippu għal Triq San Anton minħabba l-possibilità ta' xi radam li jista' jkun jagħmel parti mill-ġibjun l-ieħor li hemm fil-Pjazza.

62.3.38 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-President tar-Reġjun sabiex jinfurmah li l-kunsill se jkun qed japplika mad-Dipartiment għall-installazzjoni ta' CCTVs madwar il-Birgu u għaldaqstant il-fondi minflok jingħataw għall-attività tal-Birgufest 2023.

62.3.39 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis Sinjura Louise Ann Farrugia mil-LESA rigward il-caravans u l-BBQs fi Triq il-Piccolo Soccorso.

62.3.40 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Julian Delia fejn qed jagħmel numru ta' mistoqsijiet rigward ilmenti tar-residenti li waslu l-kunsill minħabba Palumbo Shipyard u dwar xi fondi li l-kunsill ingħata mill-istess kumpanija. Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar issuġġerixxa li din il-korrispondenza ma tkunx imwieġba. Il-kunsilliera qablu ma din il-proposta.

62.3.41 Preżentati kopji tal-ittri li l-Awtorità tal-Artijiet bgħatet lis-sidien tal-ħwienet fil-Pjazza tal-Birgu u l-madwar minħabba l-imwejjed, siġġijiet u għamara oħra fil-Festi ta' San Lawrenz u San Duminku rispettivament.

62.3.42 Preżentat it-tender għax-xiri ta' van ġdid tal-kunsill, b'tail lift, bħalma diġà għandu l-kunsill sabiex jinbidel dak preżenti. Il-kunsilliera preżenti qablu li dan jinħareġ sabiex jinxtara l-van. Is-Sindku rrimarka li dan il-van se jkun qed jinxtara mid-donazzjonijiet miġbura.

62.3.43 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Eman Zerafa f'isem l-organizazzjoni TEN08 rigward il-grupp mużikali li kellu jdoqq fil-kunċert Rock The Fort biex jara l-possibilità li dan il-grupp idoqqx fil-Birgufest 2023. Din it-talba ma ġietx aċċetata mill-kunsilliera preżenti.

62.3.44 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Anna Grech, Assistent Segretarju Privat tal-President ta' Malta dwar iż-żjara mill-E.T. l-President fil-Birgu. Għal din iż-żjara, l-kunsill huwa mitlub li jħejji programm u jgħaddih lill-uffiċċju tal-President biex imbagħad tiġi misjuba data meta tista' ssir din iż-żjara.

**62.4 Birgufest 2023**

62.4.1 Is-Sindku preżenta korrispondenza mibgħuta lill-President tar-Reġjun fejn qed jitlob lill-Reġjun Port sabiex il-kunsill jirrifjuta il-fondi għall-installazzjoni ta' CCTVs madwar il-Birgu u jingħata l-fondi għall-attività tal-Birgufest 2023. Is-Sindku qal li fondi għall-CCTVs u bollards se napplikaw għalihom mill-iskema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

62.4.2 Is-Sindku preżenta korrispondenza mibgħuta mid-Direttur is-Sinjura Marisa Pisani rigward id-deċiżjoni finali tal-Bord tal-Evalwazzjoni rigward il-fondi mogħtija lill-kunsill lokali għall-attività tal-Birgufest 2023.

62.4.3 Is-Sindku preżenta korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava, president tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar fondi li jingħataw għall-

attivitajiet kulturali organizzati mill-kunsilli lokali fejn qal li dawn il-fondi għandhom ikunu parti mill-allokazzjoni annwali tal-kunsill.

62.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li l-attività tan-Notte Bianca mhix 'self-sufficient' iżda ssir b'allokazzjoni diretta mill-Gvern ċentrali peress li hija attività nazzjonali u għaldaqstant il-Birgufest għandha titqies l-istess.

62.4.5 Matul id-diskussjoni dwar il-Birgufest, ġie maqbul li l-palk prinċipali jkun fi Triq it-Torri ta' San Ġwann minflok il-Pjazza minħabba l-proġett tar-riġenerazzjoni tal-Pjazza. Is-Sindku qal li l-għaqdiet volontarji tal-Birgu għandhom jingħataw spazju fi Triq it-Torri ta' San Ġwann. Ġie deċiż li diskussjoni aktar fid-dettal fuq il-Birgufest għandha ssir immedjatament wara Jum il-Birgu.

**62.5 Approvazzjoni tal-Bye-Law : BBQs fi Triq il-Piccolo Soccorso 1565**

62.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-verżjoni bil-Malti u bl-Ingliż tal-Bye-Law dwar il-BBQs fi Triq il-Piccolo Soccorso 1565 li ġiet preparata mill-Avukat tal-Kunsill stess. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll l-approvazzjoni min-naħa tal-Ministeru għall-Ekonomija mibgħuta mis-Sur Ramon Francalanza fejn qed jinforma lill-kunsill li m'hemm ebda oġġezzjoni għal din il-bye-law proposta.

Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera approvaw u qablu unanimament ma' din il-Bye-Law. (kopja annessa ma' dawn il-minuti)

**62.6 Proġett tal-Pjazza tal-Birgu**

62.6.1 Tressaq għall-approvazzjoni d-disinn il-ġdid għar-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Birgu kif propost mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu li qed tieħu ħsieb dan il-proġett. Id-disinn il-ġdid qed ikun propost biex jinbidel ma' dak oriġinali wara li d-disinn li sar fil-bidu ma tantx intlaqa' mill-pubbliku ġenerali speċjalment mir-residenti tal-Birgu.

62.6.2 Is-Sindku qal li l-unika ħaġa li ma jixtieqx huma l-arbli tad-dawl kif propost fid-disinn il-ġdid peress li dawn huma l-istess bħalma hemm fid-daħla u fil-Foss tal-Birgu u jidher li dawn jissaddu malajr speċjalment jekk se jkunu fil-ħamrija.

62.6.3 Is-Sindku qal li xi ftit jew wisq, il-ġirja ta' Kristu Rxoxt ser tiġi affettwata, punt li tressaq ukoll mal-Awtorità tat-Turiżmu li iżda spjegaw li minħabba l-livelli tal-Pjazza u minħabba ż-żmien, id-disinn ftit jew wisq jista' jinbidel. Is-Sindku għaldaqstant propona biex wara l-festi, ssir laqgħa mal-Arċipriet u l-Kummissjoni

Ġimgħa Kbira sabiex jiġi spjegat id-disinn il-ġdid u kulħadd ikun preparat b'dak li se jsir.

62.6.4 Finalment, is-Sindku flimkien mal-kunsilliera approvaw u qablu mad-disinn propost mill-Awtorità għat-Turiżmu.

**62.7 Jum il-Birgu 2023**

62.7.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall propona biex is-Sur Alexander Gatt jingħata Ġieħ il-Birgu 2023. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

62.7.2 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li jixraq li f'Jum il-Birgu jingħataw l-istrumenti l-ġodda li nxtraw lill-każini tal-banda. Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli ħareġ bl-idea li dawn jingħataw waqt il-kunċerti rispettivi tal-festi flok f'Jum il-Birgu. Wara diskussjoni, ġie deċiż li nhar is-6 ta' Settembru issir attività apparti sabiex jingħataw dawn l-istrumenti.

62.7.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li bħala parti miċ-ċelebrazzjoni, il-Klabb tar-Regatta tal-Birgu għandu dgħajsa ġdida li jrid Iberika. Ġie deċiż li din tkun waqt attività separata organizzata mill-klabb stess fejn isir ukoll il-preżentazzjoni tal-qaddiefa.

62.7.4 Ġie deċiż li ċ-ċerimonja ta' Jum il-Birgu ssir f'Couvre Porte minħabba li fil-Pjazza se jkun hemm ix-xogħol għaddej. Waqt iċ-ċerimonja, ser isir l-iffirmar tal-ġemellaġġ ma' Parisot. Għal Jum il-Birgu se jkun hawn preżenti wkoll ħamsa u tletin persuna minn Parisot flimkien mas-Sindku sabiex jassistu għal din il-ġurnata fost affarijiet oħra.

**62.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

62.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab biex jintgħażlu seba' persuni biex iservu fil-Fondazzjoni 2031 bi preparazzjoni għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Għaldaqstant, wara diskussjoni fuq il-persuni nominati, il-kunsilliera qablu fuq dawn il-persuni :

- Is-Sinjura Maria Micallef
- Rev. Fr. John Avellino
- Is-Sur Alec Douglas
- Is-Sinjura Annabelle Stivala
- Prof. Frank Camilleri
- Is-Sinjura Dolores Cristina

- Is-Sur Noel Zammit

62.8.2 Is-Sindku ippropona li jekk kemm-il darba l-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar ma jikkontestax għall-elezzjoni tal-kunsilli lokali li jmiss, il-kunsill li jifforma wara l-elezzjoni tas-sena 2024, għandu jinnomina lis-Sur Chris Cassar bħala l-koordinatur tal-Fondazzjoni 2031. Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli issekonda din il-proposta.

62.8.3 Is-Sindku qal li fil-laqgħa plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, kien hemm kunsilli li attendew il-ħaddiema kollha filwaqt li mill-Kunsill Lokali tal-Birgu attenda huwa biss. Is-Sindku qal li jixtieq li f'okkażjonijiet oħra, kemm il-kunsilliera kif ukoll l-istaff, ikun preżenti.

62.8.4 Is-Sindku ressaq l-applikazzjoni/rapport mħejjija mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tinkiseb l-approvazzjoni Ministerjali għall-ġemellaġġ bejn il-Birgu u Jablonna fil-Polonja liema ġemellaġġ kien diġà diskuss fil-laqgħat preċedenti tal-kunsill lokali. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvaw din l-applikazzjoni/rapport flimkien mad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa.

62.8.5 Is-Sindku ressaq diversi ritratti taċ-Ċimiterju tal-Parroċċa li bħalissa qed jieħu ħsiebu s-Sur Joseph Agius. Fir-ritratti tidher l-indafa u ż-żamma taċ-ċimiterju u għaldaqstant is-Sindku qal li filatt, ilhom żmien twil ma jidħlu ilmenti fuq l-indafa fiċ-ċimiterju. Dan jindika li Joseph qed jagħmel xogħlu kif suppost.

62.8.6 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li bejn l-20 u t-22 ta' Ottubru 2023 ġejjin diversi persuni minn barra għall-attivitajiet marbuta mal-għeluq taċ-ċentinarju tat-300 sena tal-konsagrazzjoni tal-Parroċċa. Is-Sindku propona sabiex f'dawk il-jiem, isir iffirmar ta' *Friendship Agreement* bejn il-Birgu u Amaseno fejn 'il quddiem isir ukoll ġemellaġġ mal-istess belt. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

62.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta mudell differenti u aktar sempliċi ta' lift għall-Berġa ta' Franza skont kif preżentat mill-Perit ta' ARC Studio Ltd. Il-lift ikun jasal sas-sala ta' fuq u fih tista' titla' persuna b'wheelchair ukoll. Dan it-tip ta' lift huwa wkoll fil-budget li għandu l-kunsill għal dan il-proġett. Il-kunsilliera qablu li jibdew it-tħejjijiet għat-tender.

62.8.8 Is-Sindku qal li fi tmiem Awwissu 2023, ikun wasal iż-żmien sabiex tinħareġ is-sejħa interna għal Assisent Uffiċjal Prinċipali (Skala 11). Il-kunsilliera preżenti qablu li tinħareġ din is-sejħa.

**62.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

62.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir l-Erbgħa 13 ta' Settmebru fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati llum: L-Erbgħa 13 ta' Settembru 2023

John Boxall
**Sindku**

Christian Lawrence Raggio Vella
**Segretarju Eżekuttiv**